IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-edukazzjoni ta' tfal bi sfond ta' migrazzjoni

(2009/C 301/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

id-Direttiva tal-Kunsill 77/486/KEE dwar l-edukazzjoni tat-tfal ta' ħaddiema migranti minn pajjiżi tal-UE, li tesiġi li l-Istati Membri joffru tagħlim b'xejn lil tali tfal, inkluż it-tagħlim tal-lingwa uffiċjali jew ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat ospitanti, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri adatti għall-promozzjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati tal-oriġini, tat-tagħlim tal-lingwa ta' art twelidhom u l-kultura tal-pajjiż tal-oriġini [1];

il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' prinċipji bażiċi komuni għall-politika ta' integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea [2], li wieħed minnhom hu li l-isforzi fl-edukazzjoni biex l-immigranti, u b'mod partikolari d-dixxendenti tagħhom, jitħejjew biex ikollhom aktar suċċess u biex ikunu parteċipanti aktar attivi fis-soċjetà, huma kritiċi;

id-Deċiżjoni Nru 1720/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja, li jinkludi appoġġ għal proġetti relatati mal-edukazzjoni interkulturali u l-integrazzjoni tal-istudenti migranti;

il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-effiċjenza u l-ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ [3], li stiednu lill-Istati Membri jiżguraw sistemi ekwi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li għandhom l-għan li jipprovdu opportunitajiet, aċċess, trattament u riżultati li huma indipendenti mill-isfond soċjoekonomiku u minn fatturi oħra li jistgħu jwasslu għal żvantaġġ fl-edukazzjoni;

ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi prinċipali għat-tagħlim tul il-ħajja, li tenfasizza l-importanza tal-kompetenzi soċjali u ċiviċi u tal-għarfien kulturali, kif ukoll tirrakkomanda li jkun hemm provediment adatt għal dawk li minħabba żvantaġġi fl-edukazzjoni jkunu jeħtieġu appoġġ partikolari sabiex iwettqu l-potenzjal edukattiv tagħhom [4];

il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13-14 ta' Marzu 2008, li ħeġġew lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni konkreta sabiex itejbu l-livelli ta' suċċess ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni [5];

il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil, li stieden lill-Istati Membri jistabbilixxu politiki ambizzjużi biex jippromwovu l-integrazzjoni armonjuża tal-immigranti fil-pajjiżi tagħhom, inklużi miżuri speċifiċi biex jippromwovu t-tagħlim tal-lingwa [6];

il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-politiki ta' integrazzjoni fl-Unjoni Ewropea [7], li kienu jinkludu sejħa għall-iżvilupp ta' miżuri edukattivi adatatti għall-ħtiġijiet tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni u li għandhom l-għan li jimpedixxu l-n-nuqqas ta' suċċess fl-iskola;

il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar it-tħejjija taż-żgħażagħ għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel [8], li stiednu lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għal opportunitajiet u servizzi edukattivi ta' kwalità għolja, partikolarment għat-tfal u ż-żgħażagħ li jistgħu jkunu żvantaġġati minħabba ċirkostanzi personali, soċjali, kulturali u/jew ekonomiċi;

---

(1) ĠU L 199, 6.8.1977, pp. 32–33.
(2) Dok. 16238/1/04 REV 1.
(3) ĠU C 298, 8.12.2006, pp. 3.
(4) ĠU L 394, 30.12.2006, pp. 10.
(5) 7652/08, paragrafu 15, pp. 10.
(6) Dok. 13440/08.
(7) Dok. 15251/08.
(8) ĠU C 319, 13.12.2008, pp. 20–22.

WAQT LI JILQA′

il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea intitolata ′Migrazzjoni u Mobbiltà: sfidi u opportunitajiet għas-sistemi edukattivi tal-UE′, u r-rapport assoċjat magħha dwar il-proċess ta' konsultazzjoni li sar matul it-tieni nofs tal-2008 ([1]);

u WAQT LI JINNOTA li

għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet – li l-iffokar primarju tagħhom huwa fuq l-iskejjel – it-terminu "bi sfond ta' migrazzjoni" ser jintuża partikolarment biex jiddeskrivi lit-tfal tal-persuni kollha li jgħixu f'pajjiż tal-UE li ma twieldux fih, irrispettivament minn jekk humiex ċittadini ta' pajjiżi terzi, ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-UE jew jekk sarux sussegwentement ċittadini tal-Istat Membru ospitanti;

JIRRIKONOXXI li

(1) Għal ġenerazzjonijiet sħaħ, il-migrazzjoni tat kontribut konsiderevoli għall-iżvilupp soċjoekonomiku Ewropew, u ser tkompli tagħmel hekk fil-ġejjieni. Fil-kuntest taż-żminijiet tal-lum ta' globalizzazzjoni li qed tiżdied u ta' bidla demografika, l-integrazzjoni b'suċċess tal-migranti fis-soċjetà tibqa′ prekondizzjoni għall-kompetittività ekonomika tal-Ewropa u għall-istabbiltà u l-koeżjoni soċjali.

(2) L-edukazzjoni għandha rwol prinċipali x'tiżvolġi mhux biss fl-iżgurar li tfal bi sfond ta' migrazzjoni jistgħu jwettqu l-potenzjal tagħhom li jsiru ċittadini integrati sew u jkollhom suċċess, iżda wkoll fil-ħolqien ta' soċjetà li hija ekwa, inklużiva u li tirrispetta d-diversità. Madankollu, ħafna tfal bħal dawn ikomplu jkollhom inqas suċċess f'termini ta' riżultati, u kwistjonijiet relatati ma' diskriminazzjoni razzjali u etnika u mal-esklużjoni soċjali jinsabu fil-partijiet kollha tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-preżenza ta' numru sinifikanti ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni f'ħafna Stati Membri tippreżenta numru ta' sfidi – iżda wkoll opportunitajiet ta' valur – għas-sistemi edukattivi tagħhom.

(3) L-integrazzjoni tal-migranti hija sforz kollettiv li jeħtieġ sforzi min-naħa tal-migranti nnifishom, u li jinvolvi ħafna setturi differenti tas-soċjetà flimkien mas-settur tal-edukazzjoni. Il-kooperazzjoni fil-politika intersettorjali bejn, fost l-oħrajn, id-dipartimenti governattivi rilevanti, l-awtoritajiet edukattivi, is-servizzi soċjali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-awtoritajiet tad-djar u s-servizzi tal-asil u l-immigrazzjoni, kif ukoll id-djalogu mas-soċjetà ċivili, huma essenzjali sabiex ikun żgurat livell adegwat ta' appoġġ għal tfal bi sfond ta' migrazzjoni u l-familji tagħhom.

(4) Waqt li numru kbir ta' tfal bi sfond ta' migrazzjoni jirnexxu fl-edukazzjoni, u fil-fatt uħud minnhom huma fost dawk li jirnexxu l-aktar, hemm prova ċara u konsistenti kemm minn indikaturi nazzjonali kif ukoll minn studji internazzjonali bħall-PISA ([2]) li l-kisbiet edukattivi tal-biċċa l-kbira tal-istudenti migranti għandhom it-tendenza li jkunu sinifikattivament aktar baxxi minn dawk tal-pari tagħhom. Dan jirriżulta f'inċidenza akbar fost dawn l-istudenti li jitilqu kmieni mill-iskola, livelli aktar baxxi ta' kwalifiki u numru aktar baxx ta' dawn l-istudenti f'edukazzjoni għolja Billi t-tfal bi sfond ta' migrazzjoni jiġu offruti opportunità aħjar ta' suċċess edukattiv, jistgħu jitnaqqsu l-marġinalizzazzjoni, l-esklużjoni u l-aljenazzjoni.

(5) Hija ta' tħassib partikolari s-sitwazzjoni ta' dawk li għalihom id-differenzi lingwistiċi u kulturali bejn id-dar u l-iskola huma kkombinati ma' ċirkostanzi soċjoekonomiċi dgħajfa. F'dawn il-każijiet, id-diffikultajiet assoċjati ma' status soċjoekonomiku baxx jistgħu jkunu miżjudin b'fatturi bħalma huma l-ostakli tal-lingwa, aspettativi baxxi, nuqqas ta' appoġġ mill-familja u mill-komunità u nuqqas ta' mudelli eżemplari adatti.

(6) Dawn l-iżvantaġġi – flimkien man-nuqqas ta' permeabbiltà fis-sistemi skolastiċi u bid-differenzi ta' kwalità bejn l-iskejjel – jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni li fiha numru kbir ta' tfal bi sfond ta' migrazzjoni jinġabru flimkien fi skejjel b'livell baxx ta' prestazzjoni. Xejriet ta' din il-kwalità jippreżentaw sfidi serji lis-sistemi skolastiċi fl-Unjoni Ewropea, u dan iwassal biex ikun aktar diffiċli li jinkisbu livelli għolja ta' suċċess għal kulħadd u livell għoli ta' koeżjoni soċjali.

(7) Waqt li r-responsabbiltà għall-istabbiliment tal-politika tal-edukazzjoni tibqa′ deċiżament kwistjoni f'idejn l-Istati Membri individwali, il-kwistjonijiet li tqajmu u l-isfidi li ġew indikati f'dawn il-konklużjonijiet qed ikunu kondiviżi dejjem aktar b'mod wiesa'. Għalhekk hemm potenzjal ċar għal aktar appoġġ, riċerka u kooperazzjoni fil-livell Ewropew, bl-użu ta' programmi Komunitarji rilevanti, bħall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni, u bl-użu ta' għodda bħall-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni sabiex tiġi skambjata prattika tajba u jiġi promoss it-tagħlim reċiproku dwar politika u miżuri bl-għan li jiġi indirizzat l-iżvantaġġ edukattiv fost it-tfal bi sfond ta' migrazzjoni.

JIKKUNSIDRA li

(1) L-edukazzjoni għandha kontribut importanti x'tagħti għall-integrazzjoni b'suċċess tal-migranti fis-soċjetajiet Ewropej. Jinħtieġu miżuri mmirati u flessibbiltà akbar li jibdew mill-edukazzjoni bikrija fit-tfulija u t-tagħlim bażiku, iżda jkomplu tul il-livelli kollha tat-tagħlim tul il-ħajja, sabiex ikunu indirizzati studenti bi sfond ta' migrazzjoni, hi x'inhi l-età tagħhom, u biex jingħatalhom l-appoġġ u l-opportunitajiet li jeħtieġu biex isiru ċittadini attivi u li jkollhom suċċess, u biex tingħatalhom is-setgħa li jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jitwasslu b'mod ikkoordinat mal-politiki f'oqsma oħra li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' tfal bi sfond ta' migrazzjoni u tal-familji tagħhom.

([1]) Rispettivament id-dok. 11631/09 + ADD 1, u d-dok. 12594/09.
([2]) Il-programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti.

(2) Huwa probabbli li sistemi edukattivi li jagħmlu enfasi qawwija kemm fuq l-ekwità kif ukoll fuq il-kwalità, li jaħdmu għall-ksib ta' objettivi ċari u komuni, u li jiffavorixxu approċċi inklużivi fil-livelli kollha jkunu l-aktar effettivi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet partikolari tal-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni, billi jtejbu l-prestazzjoni edukattiva tagħhom waqt li fl-istess ħin irawmu rabtiet soċjali bejnhom u l-pari tagħhom.

(3) Id-diversità kulturali fis-soċjetajiet tagħna għandha tkun milqugħa bħala sors ta' vitalità u arrikkiment. Waqt li bl-ebda mod ma jdgħajfu l-iffokar primarju fuq l-identità kulturali, il-valuri ewlenin u d-drittijiet fundamentali tal-pajjiż ospitanti, il-promozzjoni ta' edukazzjoni interkulturali fl-iskejjel tal-Ewropa bil-ħsieb tal-iskambju tal-għarfien u tal-approfondament tal-fehim tal-kultura ta' xulxin, kif ukoll il-bini ta' rispett reċiproku u l-ġlieda kontra l-preġudizzju ser ikunu ta' benefiċċju dejjiemi għal kulħadd.

(4) Approċċi bħall-istabbiliment jew it-tisħiħ ta' mekkaniżmi kontra d-diskriminazzjoni, iż-żieda tal-permeabbiltà tal-moġħdijiet fis-sistemi skolastiċi u t-tneħħija tal-ostakli għall-progressjoni individwali fis-sistema, jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra s-segregazzjoni u jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' suċċess għal studenti migranti. L-offerta ta' tagħlim aktar personalizzat u ta' appoġġ individwali tista' tkun ta' benefiċċju għall-istudenti kollha fis-sistema u tista' twassal għal kwalità ogħla għal kulħadd. Billi togħla l-kwalità tat-tagħlim fi skejjel b'livell baxx ta' prestazzjoni jistgħu jittejbu l-opportunitajiet għall-istudenti kollha, inklużi l-migranti.

(5) Għandu jiġi inkoraġġit taħriġ speċjalizzat fil-ġestjoni tad-diversità lingwistika u kulturali, u l-iżvilupp ta' kompetenzi interkulturali, sabiex jiġu appoġġati l-awtoritajiet tal-iskejjel, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema u l-persunal amministrattiv fl-adattament għall-ħtiġijiet, u fit-twettiq tal-potenzjal sħiħ, tal-iskejjel jew il-klassijiet li jkollhom studenti bi sfond ta' migrazzjoni. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll kwistjonijiet bħal kif wieħed jista' jagħmel il-metodi, il-materjali u l-kurrikuli tat-tagħlim rilevanti għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, kif wieħed jista' jkompli jiġbed u jżomm l-aħjar għalliema fi skejjel b'livell baxx ta' prestazzjoni, kif tissaħħaħ il-funzjoni tat-tmexxija f'kuntesti bħal dawn, kif ukoll kif – skont proċeduri nazzjonali – jiżdied in-numru ta' għalliema li huma stess ikollhom sfond ta' migrazzjoni.

(6) Il-proċess ta' integrazzjoni jista' jiġi ffaċilitat permezz tal-iżvilupp ta' sħubiji ma' komunitajiet lokali, inklużi l-familji ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni u assoċjazzjonijiet ta' migranti, li b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-iskejjel bħala komunitajiet ta' tagħlim. Bil-ħolqien ta' klima ta' fehim reċiproku, ta' fiduċja u ta' kooperazzjoni, sħubiji ta' dan it-tip jistgħu jikkontribwixxu b'diversi modi, bħall-għoti ta' għajnuna għall-interpretazzjoni, waqt li jservu bħala punt ta' kuntatt – f'xi każijiet bħala medjatur – bejn l-iskejjel u l-komunità kkonċernata, u l-iżvilupp ta' rabtiet pożittivi mal-patrimonju tal-kultura u l-lingwa. F'dan il-kuntest, l-għoti ta' tagħlim fil-lingwa/i tal-pajjiż ospitanti għall-ġenituri ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni, kif ukoll sessjonijiet ta' informazzjoni, jistgħu jkunu ta' kontribut sinifikanti għat-titjib tal-komunikazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji u b'hekk itejbu l-kondizzjonijiet għall-integrazzjoni soċjali b'suċċess.

(7) Il-proficjenza fil-lingwa uffiċjali (jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali) tal-pajjiż ospitanti hija prerekwiżit għas-suċċess edukattiv u hija importanti għall-integrazzjoni kemm soċjali kif ukoll professjonali. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp ta' provedimenti speċifiċi biex jappoġġaw dan, bħal tagħlim intensiv fil-lingwa għal studenti migranti li għadhom kif jaslu, appoġġ addizzjonali għal dawk li qed ikollhom diffikultajiet, u korsijiet speċjali għall-għalliema kollha biex isiru kompetenti fit-tagħlim ta' tfal li l-lingwa ta' art twelidhom hija differenti mil-lingwa tat-tagħlim. Għandu wkoll jiġi appoġġat il-provediment adattat fil-kurrikulu – pereżempju, tagħlim rinforzat tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għal studenti li l-lingwa ta' art twelidhom hi differenti.

(8) Għalkemm l-attenzjoni primarja għandha tibqa' fuq il-lingwa/i tal-pajjiż ospitanti, l-inkoraġġiment tal-istudenti sabiex jiksbu jew iżommu l-għarfien tal-lingwa li wirtu jista' jwassal għal benefiċċji f'diversi livelli: soċjalment f'termini ta' identità kulturali u ta' fiduċja personali fihom infushom, professjonalment f'termini ta' impjegabbiltà futura, iżda wkoll edukattivament f'termini ta' tagħlim futur. Waqt li r-riżorsi għal dak it-tagħlim jistgħu jkunu limitati, l-iskop tat-tagħlim jista' jiżdied b'diversi modi, pereżempju permezz ta' ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi kkonċernati u sħubiji kollaborattivi mal-komunitajiet lokali rilevanti, jew bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, pereżempju għall-istabbiliment ta' kuntatti bl-internet jew l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' *ġemellaġġ elettroniku*.

(9) L-edukazzjoni bikrija fit-tfulija, filwaqt li tħejji s-sisien għat-tagħlim aktar 'il quddiem, jista' jkollha wkoll rwol kruċjali fl-integrazzjoni tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni, partikolarment billi tagħmel enfasi qawwi fuq l-iżvilupp tal-lingwa. Għalhekk, għandhom jiżdiedu l-isforzi sabiex ikun żgurat li familji li huma soċjalment żvantaġġati jkollhom aċċess adegwat għal faċilitajiet ta' kura tat-tfal u ta' tagħlim minn qabel l-età tal-iskola li jkunu ta' kwalità.

(10) Jista' jintuża appoġġ immirat – pereżempju aktar riżorsi tat-tagħlim għal skejjel f'żoni żvantaġġati u l-għoti ta' tagħlim aktar personalizzat – biex jibbilanċja l-iżvantaġġ edukattiv u l-effetti negattivi ta' integrazzjoni insuffiċjenti. Għandha wkoll tingħata konsiderazzjoni għall-modi kif jingħata appoġġ edukattiv addizzjonali, pereżempju fil-forma ta' ggwidar (mentoring) u tagħlim privat (tutoring), l-għoti ta' pariri kemm lil studenti kif ukoll lil ġenituri dwar l-opportunitajiet disponibbli għalihom fis-sistema edukattiva, jew l-organizzazzjoni ta' ċentri għat-tagħlim u x-xogħol skolastiku tad-dar wara klassijiet regolari bi sħubija mal-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri u tal-komunità. Hemm ħtieġa għal arranġamenti flessibbli għal migranti li jkunu għadhom kif waslu, partikolarment fir-rigward tat-tagħlim tal-lingwa. F'dan ir-rigward, hemm ħtieġa mhux biss għal intervent rapidu u mmirat fi żmien qasir wara l-wasla fil-pajjiż ospitanti, iżda wkoll għal programmi sostnuti ta' appoġġ fil-lingwa.

GĦALDAQSTANT JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex

(1) Jieħdu miżuri adatti fil-livell ta' responsabbiltà meħtieġ minnhom — lokali, reġjonali jew nazzjonali, bil-ħsieb li jiżguraw li t-tfal kollha jkunu offruti opportunitajiet ġusti u indaqs, kif ukoll l-appoġġ meħtieġ għall-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal tagħhom, irrispettivament mill-ambjent li ġejjin minnu. B'mod partikolari, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:

— l-iżvilupp ta' approċċ ta' politika integrata għall-ksib ta' dawn l-objettivi;

— l-istabbiliment jew it-tisħiħ ta' mekkaniżmi kontra d-diskriminazzjoni, bl-għan li jiġu promossi l-integrazzjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva;

— iż-żieda tal-permeabbiltà tal-moġħdijiet tal-edukazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli fis-sistemi skolastiċi;

— it-titjib tal-kwalità tat-tagħlim fl-iskejjel u t-tnaqqis tad-differenzi bejniethom, inkluż permezz ta' sforzi biex jiġu attratti u miżmuma l-aħjar għalliema u għat-tisħiħ tal-funzjoni tat-tmexxija fi skejjel b'livell baxx ta' prestazzjoni;

— iż-żieda tal-aċċess għal edukazzjoni u kura ta' kwalità għolja fit-tfulija bikrija;

— l-offerta ta' aktar tagħlim personalizzat u appoġġ individwali, partikolarment għat-tfal ta' migranti li jkollhom livell edukattiv baxx;

— l-għoti ta' taħriġ speċjalizzat fil-ġestjoni tad-diversità lingwistika u kulturali, kif ukoll f'kompetenzi interkulturali, għal mexxejja tal-iskejjel, għalliema u persunal amministrattiv;

— l-iżvilupp ta' politiki adegwati għat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti, kif ukoll il-konsiderazzjoni tal-possibbiltajiet li studenti bi sfond ta' migrazzjoni jżommu u jiżviluppaw il-lingwa ta' art twelidhom;

— l-iżgurar li l-kurrikuli jkunu ta' kwalità għolja u rilevanti għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, u t-teħid tal-kont tal-ħtiġijiet tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni fil-metodi u l-materjali tat-tagħlim;

— l-iżvilupp ta' sħubijiet ma' komunitajiet ta' migranti u ż-żieda fl-isforzi mmirati biex itejbu l-komunikazzjoni ma' ġenituri bi sfond ta' migrazzjoni;

— l-għoti ta' appoġġ immirat għal studenti bi sfond ta' migrazzjoni li għandhom ukoll bżonnijiet speċjali;

— il-ġbir u l-analiżi ta' data f'dan il-qasam, bil-ħsieb li t-tfassil tal-politika jkun informat;

— l-iskambju ta' prattika tajba f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jittejbu l-politiki u l-miżuri fil-livell adatt.

(2) Jiżviluppaw, fil-kuntest tal-qafas strateġiku ġdid għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020"), u bl-użu tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, tagħlim reċiproku dwar l-aħjar prattika għall-edukazzjoni tal-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni.

(3) Jagħmlu użu mmirat mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, mill-Fond Soċjali Ewropew u minn riżorsi oħra bħall-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni, sabiex jiġu żviluppati u appoġġati proġetti relatati mal-edukazzjoni interkulturali u mal-edukazzjoni ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex

(1) Tiffaċilita u tappoġġa l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet li tqajmu f'dawn il-konklużjonijiet, inkluż permezz tal-identifikazzjoni, l-iskambju, il-ġbir u l-iżgurar tad-disseminazzjoni effettiva tal-esperjenza u tal-prattika tajba fl-oqsma msemmijin hawn fuq, u permezz tal-użu ta' programmi Komunitarji eżistenti.

(2) Tikkunsidra kif, u b'liema mezzi, l-objettivi tad-Direttiva tal-Kunsill 77/486/KEE jistgħu jinkisbu bl-aħjar mod f'kuntest ta' migrazzjoni li nbidlet b'mod sinifikanti minn mindu ġiet adottata.

(3) Tissorvelja d-differenza fil-kisbiet bejn studenti nattivi u studenti bi sfond ta' migrazzjoni, billi jintużaw data u indikaturi eżistenti.

(4) Tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni u l-migrazzjoni, bħalma huma l-Kunsill tal-Ewropa, l-UNESCO u l-OECD ([1]).

(5) Tiżgura li kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni jkunu riflessi adegwatement fil-programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u programmi Komunitarji rilevanti oħra, fil-pjan ta' azzjoni dwar it-Tagħlim għall-Adulti u fil-proċess ta' Kopenħagen, kif ukoll f'inizjattivi oħra fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluża l-edukazzjoni għolja.

(6) Tiżgura li kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni jkunu riflessi adegwatement fil-proċess ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali.

([1]) Għandu jiġi żgurat id-dritt tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha f'din il-ħidma.